# Nixtieqni spirtu

John Caruana

*Ħa nħuf f'natura mqita*

Meta x-xemx tinsatar
u s-sema jitgħajjeb
bi sħab irmiedi,
sewdieni,
saff wara saff
bħall-ġganti fil-ħrejjef
mikula kurżità,

Meta r-ragħad ikarwat,
leħnu żorr
idamdam,
jinkorla f'qerda dejjiema,

Meta s-sajjetti jċaqċqu,
jitkagħwġu ganċ,
u l-beraq teptiepi
idawlu
iwerwru sat-trufijiet,

Meta x-xita tiġma',
imbagħad tinżel
imgħaddba
bla rażan,
issabbat, issawwat
bħal tifel bla lġiem,

Meta l-ilma jaqbeż igelgel,
ifawwar minn xquq is-sejjieħ
u jlebbet għafrit
lejn il-wied....

Nixtieqni spirtu
ħa nħuf u nserrep il-mogħdijiet,
nisseqqer l-irdumijiet
u nitferragħ mill-ġwiebi.
Ħallini mbagħad illebbet fis-swieqi
inżiġġ l-għadajjar
u ntarraġ l-għelieqi....

U meta l-burraxka tehda
nitfarfar minn frigħet is-siġar.

*21.04.2016*